MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## BONNICI JOSEPH

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1395/2001/1

**Mizzi Finance Ltd**

**vs**

**Angelica u Monica Mifsud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ Lm1200 (elf u mitejn lira Maltin) bilanc minn somma akbar dovuta fuq kambjala datata 26 t’Ottubru 1999 li skadiet fl-1 ta’ Jannar 2000 u baqghet ma thallsitx in toto.

Ra li l-konvenuti pprezentaw risposta fid-19 ta’ Frar 2002.

Ra li l-konvenut naqas li jissostanzja d-difiza tieghu.

Illi l-prova tal-pagament trid issir minn dak li jallegaha, ossia l-odjern konvenut li naqas li jaghmel.

Sema li l-ammont mitlub ghadu dovut; minn Dr. Carlo Bisazza.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu is-somma ta' Lm1200 (elf u mitejn lira Maltin) bilanc minn prezz ta' kambjala, bl-ispejjes u bl-interessi legali.

**Dr Joseph Bonnici**
**Gudikatur**